

Brussell, 1 ta' Frar 2022
(OR. en)

5571/22

CSDP/PSDC 36
CFSP/PESC 62
COAFR 26
CONUN 20
ATALANTA 3
PSC DEC 2
EUMC 24

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar l-attivazzjoni tal-kompitu eżekuttiv sekondarju tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) biex tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi narkotiċi 'l barra mill-kosta tas-Somalja (ATALANTA/2/2022)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA' (PESK) 2022/...

ta' ...

dwar l-attivazzjoni tal-kompitu eżekuttiv sekondarju tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) biex tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi narkotiċi 'l barra mill-kosta tas-Somalja (ATALANTA/2/2022)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA',

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mill-kosta tas-Somalja¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2b tagħha,

¹ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/2188¹, li emendat l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK u tat lill-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta), fost l-oħrajn, il-kompitu eżekuttiv sekondarju biex tikkontribwixxi għall-għieda kontra t-traffikar tad-drogi narkotiċi 'l barra mill-kosta tas-Somalja (il-"kompitu eżekuttiv sekondarju").
- (2) L-Artikolu 2b(3) tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, jipprevedi li l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandu jattiva l-kompitu eżekuttiv sekondarju meta l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE jirrapporta li l-Atalanta tiddisponi mill-assi meħtieġa biex twettaq il-kompiti msemmija f'dak l-Artikolu.
- (3) Il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrapporta li l-Atalanta tiddisponi mill-assi meħtieġa biex twettaq il-kompitu eżekuttiv sekondarju.
- (4) Jenħtieġ li l-kompitu eżekuttiv sekondarju jiġi attivat b'effett immedjat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2188 tat-22 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 74).

Artikolu 1

Il-kompitu eżekuttiv sekondarju biex tikkontribwixxi għall-għieda kontra t-traffikar tad-drogi narkotiċi 'l barra mix-xtut tas-Somalja, mogħti lill-Atalanta permezz tal-Artikolu 2b tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, huwa b'dan attivat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, ...

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
